# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 660/14 JRM**

**GO p.l.c. (C – 22334)** ġjà Datastream Limited

vs

**CAMLINE INTERNET SERVICES LIMITED (C – 26528)**, Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-28 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib u tiddeċiedi li d-digriet mogħti fit-2 ta' Lulju, 2008 mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust (illum it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur) li bih ordnat lill-kumpannija mħarrka biex tissottometti ilment tagħha bil-miktub lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta ħalli dan ikun jista' jinvestiga l-ilment tagħha, kien wieħed imsejjes fuq żball evidenti tal-liġi li joħroġ mid-deċiżjoni nnifisha u bil-mod kif meħud, minbarra li kien difettuż fil-ġurisdizzjoni jew il-kompetenza li l-istess Kummissjoni kellha s-setgħa li

teżerċita u għalhakk mogħti "*ultra vires*"; (b) issib li l-imsemmi digriet għalhekk ma jiswiex u hu bla ebda effett; (ċ) issib li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur fid-29 ta' Jannar, 2014 kienet imsejsa fuq żball evidenti tal-liġi li joħroġ mid-deċiżjoni nnifisha; (d) issib li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur fid-29 ta' Jannar, 2014, kisret il-prinċipji ta' ġustizzja naturali tal-partijiet jew ta' min minnhom; u (e) issib li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur fid-29 ta' Jannar, 2014, ma tiswiex u ma għandha l-ebda effett fil-liġi. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħaħ il-jeddijiet tagħha għal kull azzjoni oħra xierqa għad-danni li jistgħu jkunu dovuti lilha minħabba l-imsemmija fatti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Direttur-Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fit-3 ta' Settembru, 2014, li biha laqa' għall azzjoni tal-attriċi billi, wara li fisser fuq fuq kif seħħew il-ġrajja f'dan il-każ, qal li qabel ma daħlu fis-seħħ il-bidliet fl-Att dwar il-Kompetizzjoni[1] bl-Att VI tal-2011, il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kellha s-setgħa li tordna li ssir investigazzjoni mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta taħt l-artikolu 4(6)(ċ) tal-imsemmi Kap 379. Żied jgħid li l-analiżi li wettaq it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni fis-sentenza tiegħu tad-29 ta' Jannar, 2014, ma kenitx tirrifletti l-analiżi ekonomika kumplessa li l-Kummissjoni Ewropea twettaq f'każijiet li jkunu jinvolvu "*margin squeeze*". Qal ukoll li, filwaqt li ma hemm l-ebda nullità ta' sentenza tat-Tribunal li tibgħat lura lilu xi deċiżjoni tagħha biex hu 'jieħu kull miżura li huwa jqis xieraq skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Att', f'dan il-każ iqis li t-Tribunal ma mexiex sewwa billi ma kien hemm l-ebda deċiżjoni oħra li l-eċċipjenti kien għad fadallu jieħu wara li kien ippreżenta r-rapport tiegħu qabel ma l-każ tressaq quddiem l-istess Tribunal. Huwa jtemm jgħid li s-setgħa ta' din il-Qorti, f'każ li tara li tassew kien hemm xi ksur, hi li tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u tordna s-smigħ mill-ġdid tal-appell jekk ikun il-każ;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Avukat Ġenerali fit-3 ta' Settembru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni tal-kumpannija attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (i) l-kawża ma setgħetx tinfetaħ qabel ma l-kumpannija attriċi tkun ħallset l-ispejjeż tal-kawża fl-istess ismijiet (Rik. Nru. 316/14JRM) u minnha ċeduta fit-23 ta' Lulju, 2014; li (ii) l-kumpannija attriċi trid tgħid taħt liema artikolu tal-liġi għandha l-jedd li tressaq kawża bħal din quddiem din il-Qorti biex tattakka deċiżjoni tal-Kummissjoni

[1] Att XXX1 tal-1994 (Kap. 379)

għall-Kummerċ Ġust jew tat-Tribunal għall-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur; li (iii) hu ġie mħarrek għalxejn, billi f'każ fejn parti trid tattakka xi deċiżjoni ta' bord statutorju amministrattiv jew kważi-ġudizzjarju, hija l-parti l-oħra li jmissha titħarrek u mhux l-Avukat Ġenerali u mhux dak il-bord jew rappreżentant tiegħu, għaliex il-ġudizzju jkun sħiħ jekk titħarrek il-parti l-oħra fil-kwestjoni. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka Camline Internet Services Limited fis-6 ta' Ottubru, 2014, li biha laqgħet għall azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li (i) l-kumpannija attriċi trid tressaq prova li, fil-waqt li nfetħet il-kawża, tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li (ii) ma joħroġx mir-rikors maħluf tal-kumpannija attriċi liema hija l-bażi legali li taħtha fetħet din il-kawża; illi (iii) li ladarba l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-ewwel żewġ talbiet tressqu wara ż-żmien ta' sitt xhur maħsub mil-liġi. Fil-mertu laqgħet billi qalet li l-Kummissjoni kellha kull setgħa li tirregola l-proċedura tagħha fin-nuqqas ta' disposizzjoni jew regola oħra, u għaldaqstant id-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju, 2008, mhux *ultra vires*. Tiċħad li d-deċizjoni tat-Tribunal tal-20 ta' Jannar 2014 hija bbażata fuq żball ta' liġi billi t-Tribunal qies l-obbligi imposti fuqu bil-liġi skond id-disposizzjoni tal-artikolu 13 tal-Iskeda għall-Kap. 379. Temmet tgħid li, quddiem it-Tribunal, il-partijiet ngħataw kull opportunità li jressqu l-provi tagħhom u jagħmlu sottomissjonijiet li jidhrilhom, u kemm-il darba l-kumpannija attriċi naqset li tagħmel dan m'għandux iwassal biex titlob in-nullità tad-deċizjoni illi wasal għaliha t-Tribunal;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Ottubru, 2014[2];

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta' Novembru 2014[3] li bih l-imħarrek Avukat Ġenerali rtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu fid-dawl tan-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Ottubru, 2014; u li bih il-kumpannija attriċi ddikjarat li l-azzjoni tagħha ma kenitx waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' tribunal statutorju jew kważi ġudizzjarju;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2014, li bih ordnat lill-kumpannija attriċi tressaq Nota ta' Riferenzi dwar l-imsemmija dikjarazzjoni tagħha;

[2] Paġġ. 597 sa 614 tal-proċess
[3] Paġ. 615 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fid-19 ta' Novembru, 2014[4], biex tindirizza l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-kumpannija attriċi fid-19 ta' Novembru, 2014[5], b'sostenn tad-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati difensuri tagħha waqt is-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2014, dwar in-natura tal-azzjoni mibdija minnha;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Diċembru, 2014[6], li bih l-imħarrek Avukat Ġenerali rtira t-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu filwaqt li l-kumpannija mħarrka rtirat l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-20 ta' Jannar, 2016[7], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Avukat Ġenerali, u sabet li ma kienx il-kontradittur leġittimu ta' din l-azzjoni u għalhekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-kumpannija attriċi;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar, 2016[8], li bih laqgħet talba mressqa mill-kumpannija attriċi f'rikors tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2015, u ordnat li l-atti tal-kawża mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizjoni u l-Konsumatur fl-ismijiet "*Go p.l.c. già Datastream Limited vs Camline Internet Services Limited*" (Rik. 8/12MCH) jinġabu quddiemha u jitqiegħdu fl-atti ta' din il-kawża;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2016[9], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi tal-31 ta' Awwissu, 2016[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur Ġenerali mħarrek tal-20 ta' Ottubru, 2016[11], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tat-28 ta' Ottubru, 2016[12], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

[4] Paġġ. 617 sa 621 tal-proċess
[5] Paġġ. 622 – 3 tal-proċess
[6] Paġ. 626 tal-proċess
[7] Paġġ. 628 – 634 tal-proċess
[8] Paġ. 670 tal-proċess
[9] Paġ. 683 tal-proċess
[10] Paġġ. 685 sa 700 tal-proċess
[11] Paġġ. 703 – 5 tal-proċess
[12] Paġġ. 709 sa 723 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat*:**

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "GO") trid li din il-Qorti tistħarreġ provvediment mogħti mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fit-2 ta' Lulju, 2008, u kif ukoll deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur fid-29 ta' Jannar, 2014. Hija tqis li kemm il-provvediment u kif ukoll id-deċiżjoni ma jiswewx, dan għaliex, fil-każ tal-provvediment, għaliex magħmul *ultra vires*, u msejjes fuq żball evidenti tal-liġi; filwaqt li tqis li s-sentenza wkoll ma tiswiex għaliex ingħatat bla ma tħarsu l-prinċipji ta' ħaqq naturali u għaliex imsejsa fuq żball evidenti tal-liġi. Kemm il-provvediment u kif ukoll id-deċiżjoni ngħataw fil-qafas ta' kawża li nbdiet quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet "*Datastream Limited (C – 19399) vs Camline Internet Services Limited (C 26258)*"[13];

Illi, min-naħa l-oħra, il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Camline") laqgħet billi qalet li l-Kummissjoni kellha kull setgħa li tirregola l-proċedura tagħha fin-nuqqas ta' dispożizzjoni jew regola oħra, u għaldaqstant d-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju, 2008, mhux *ultra vires*. Tgħid ukoll li d-deċizjoni tat-Tribunal tal-20 ta' Jannar 2014 hija ġusta billi t-Tribunal qies l-obbligi imposti fuqu bil-liġi skond id-dispożizzjoni tal-artikolu 13 tal-Iskeda għall-Kap. 379.

Id-Direttur-Ġenerali imħarrek itenni wkoll li l-Kummissjoni kellha s-setgħa li tordna li ssir investigazzjoni mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta taħt l-artikolu 4(6)(ċ) tal-imsemmi Kap 379. Żied jgħid li l-analiżi li wettaq it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni fis-sentenza tiegħu tad-29 ta' Jannar, 2014, ma kenitx tirrifletti l-analiżi ekonomika kumplessa li l-Kummissjoni Ewropea twettaq f'każijiet li jkunu jinvolvu "*margin squeeze*". Qal ukoll li, filwaqt li ma hemm l-ebda nullità ta' sentenza tat-Tribunal li tibgħat lura lilu xi deċiżjoni tagħha biex hu 'jieħu kull miżura li huwa jqis xieraq skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Att', f'dan il-każ iqis li t-Tribunal ma mexiex sewwa billi ma kien hemm l-ebda deċiżjoni oħra li l-eċċipjenti kien għad fadallu jieħu wara li kien ippreżenta r-rapport tiegħu qabel ma l-każ tressaq quddiem l-istess Tribunal. Huwa jtemm jgħid li s-setgħa ta' din il-Qorti, f'każ li tara li tassew kien

[13] Rik. Nru. 514/2006 GV (maqtugħa 29.1.2007)

hemm xi ksur, hi li tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u tordna s-smigħ mill-ġdid tal-appell jekk ikun il-każ;

Illi kemm id-Direttur-Ġenerali mħarrek kif ukoll Camline jgħidu li s-setgħa ta' din il-Qorti, f'każ li tara li tassew kien hemm xi ksur, hi li tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u tordna s-smigħ mill-ġdid tal-appell jekk ikun il-każ;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, joħroġ li f'xi żmien fl-2006, Datastream Limited fetħet kawża bil-proċedura sommarja speċjali kontra Camline għall-ħlas ta' kreditu pretiż dwar għoti ta' servizzi marbuta ma' komunikazzjoni elettronika. Fost l-oħrajn, f'dik il-kawża, Camline qajmet eċċezzjonijiet li bihom allegat li l-kuntratt li dwaru Datastream kienet qiegħda titlobha l-ħlas kien jikser xi dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni;

Illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Jannar, 2007[14], din il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat is-soprasessjoni tal-proċediment quddiemha u rriferiet il-kwestjoni lill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust "*biex tinvestiga u tiddeċiedi skond il-liġi*";

Illi b'digriet (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-provvediment") mogħti kameralment mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") fit-2 ta' Lulju, 2008[15], ordnat li (i) Camline tissottometti lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta l-ilmenti tagħha, fi żmien sebat ijiem min-notifika lilha tal-provvediment; u (ii) li l-istess Uffiċċju għandu jinvestiga l-ilmenti għall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta u jressaq is-sejbiet tiegħu lill-Kummissjoni;

Illi l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta ressaq ir-rapport tiegħu lill-Kummissjoni f'Marzu tal-2011[16]. Intbagħtet kopja tal-imsemmi rapport lil kull waħda mill-partijiet f'Marzu tal-2012;

Illi sadattant saru bidliet fil-liġi[17], u t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni (aktar 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal") ħa l-post tal-Kummissjoni u l-każ bejn il-partijiet (sadattant ukoll, Datastream Limited kienet inkorporata f'GO) kompla jinstema' quddiem it-Tribunal;

Illi b'deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Jannar, 2014[18], it-Tribunal laqa' l-ilment ta' Camline u sab li kien jirriżultalu abbuż ta' dominanza min-naħa ta' GO bi tħaddim ta' "*margin squeeze*" u għadda d-deċiżjoni lura lid-Direttur-

[14] Dok. "GO1" f'paġġ. 13 – 9 tal-proċess
[15] Dok. "GO2" f'paġġ. 21 – 5 tal-proċess
[16] Dok. "GO3" f'paġġ. 27 sa 76 tal-proċess
[17] Bis-saħħa tal-Att VI tal-2011 (L-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ) – Kap. 510
[18] Dok. "GO4" f'paġ.ġ. 78 sa 88 tal-proċess

Ġenerali mħarrek taħt l-artikolu 14(7) tal-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta "*sabiex jieħu kull miżura li huwa jqis xierqa skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Att fir-rigward tal-imsemmi ksur*";

Illi f'April tal-2014, GO fetħet kawża[19] kontra l-istess imħarrkin tal-lum u bl-istess talbiet. Hija ċediet dik il-kawża fit-23 ta' Lulju, 2014, biex tkun tista' tirregola ruħha;

Illi din il-kawża nfetħet fit-28 ta' Lulju, 2014;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti f'dan l-istadju jibqgħu dawk marbutin mal-mertu tal-azzjoni attriċi. Safejn **l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ** ġudizzjarju m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta' korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta' xi liġi. Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m'għandux jiddawwar f'eżerċizzju ta' appell minn jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis[20];

Illi tali eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ġeneralment ma jgħoddx fih intervent dwar jekk it-tribunal jew korp kważi-ġudizzjarju kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li ddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta' apprezzament ta' oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk it-tribunal messux fehem xi kunċett legali b'mod minflok mod ieħor[21]. Fuq kollox l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu. Lanqas ma tista' tintuża biex il-Qorti li tkun qiegħda tagħmel l-istħarriġ tagħha, tinbidel fi jew tieħu s-setgħat ta' dak il-korp kważi-ġudizzjarju jew amministrattiv, u twettaq hi x-xogħol tiegħu[22];

Illi jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' tribunal, u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-setgħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew ma' xi liġi li s-setgħat tiegħu marbutin li jħaddmu; jew (e) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-għemil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Qorti li tistħarreġ lil tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

---

[19] Rik. Nru. 316/2014 JRM
[20] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha
[21] App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-imsijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[22] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika noe et***

Illi l-artikolu 4 tal-Kap. 379[23], qabel ma daħlu fis-seħħ il-bidliet fl-Att dwar il-Kompetizzjoni, kien jgħid b'mod ċar li l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħat u għandha ssegwi l-proċeduri mniżżla fl-Iskeda li tinstab mal-imsemmi Att jew f'kull liġi oħra[24]. L-istess artikolu kien igħid ukoll li, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Kummerċ, il-Kummissjoni tista' tagħmel regoli mhux inkonsistenti mal-Att jew mad-dispożizzjonijiet ta' l-Iskeda li tinstab miegħu[25], u fl-assenza ta' dispożizzjonijiet jew regoli fuq imsemmija, il-Kummissjoni għandha tirregola l-proċedura tagħha stess[26];

Illi min-naħa l-oħra, l-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta fost il-funzjonijiet li ngħatawlu mil-liġi, hemm dik li jaqdi l-funzjonijiet relatati mal-investigazzjoni, determinazzjoni u suppressjoni ta' prattiċi restrittivi[27]. Dak l-Uffiċju għandu jkun taħt il-kontroll ta' Direttur[28], u li d-Direttur għandu s-setgħa li jagħmel investigazzjonijiet minn jeddu, fuq talba tal-Ministru responsabbli għall-Kummerċ, jekk jitressaq quddiemu lment bil-miktub jew wara li ssir talba minn xi awtorità nazzjonali dwar il-kompetizzjoni ta' Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni Ewropea[29];

Illi minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti tifhem li, filwaqt illi l-Kummissjoni kienet mistennija li timxi mal-proċedura mtennija fl-Iskeda annessa mal-Att (Kap. 379), għal għanijiet ta' prattiċità ngħatawlha s-setgħa li tmexxi l-proċeduri tagħha. Fl-istess waqt, il-liġi tafda l-kontroll tal-Uffiċju f'idejn id-Direttur. Għaldaqstant, filwaqt li d-Direttur għandu s-setgħa li jagħmel investigazzjoni jekk, fost oħrajn, jitressaq ilment bil-miktub quddiemu, it-Tribunal ma għandu ebda jedd li jordna lid-Direttur jinvestiga u jirrapporta lment li jkun tressaq quddiemu (b'differenza li kieku tressaq direttament lid-Direttur) u jirrapporta lura l-konkluzzjonijiet li jasal għalihom. Kif tajjeb tgħid l-ewwel regola tal-proċedura fl-Iskeda annessa mal-Kap. 379, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi kull kwestjoni quddiemha b'gustizzja u imparzjalità u skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att[30]. Ma hemm ebda liġi li tawtorizza lill-Kummissjoni li tordna fuq Direttur li jagħmel investigazzjoni;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, għalkemm it-Tribunal twaqqaf bis-saħħa tal-Att tal-2011 dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, bir-rieda nnifisha tal-istess Att, it-Tribunal kien għadu marbut bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 379[31] u mhux b'dawk li twaqqaf taħthom. Kif sewwa tgħid GO fis-sottomissjonijiet tagħha,

---

[23] Tħassar bl-Att VI tal-2011
[24] Art. 4(6)(a) tal-Kap. 379
[25] Art. 4(6)(b) tal-Kap. 379
[26] Art. 4(6)(ċ) tal-Kap. 379
[27] Art. 3(1)(ċ) tal-Kap. 379
[28] Art. 3(2) tal-Kap. 379
[29] Art. 12(1) tal-Kap. 379
[30] Regola 1 tal-Iskeda mal-Kap. 379
[31] Ara art. 70(1)(b) tal-Kap 510

f'dan il-każ it-Tribunal kien qiegħed jiffunzjona daqslikieku kien għadu l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq, GO tgħid li s-sentenza li ta t-Tribunal tmur kontra l-liġi. Din is-sottomissjoni ssejjisha fuq żewġ argumenti: l-ewwel dwar il-mod kif fisser it-test tal-"*margin squeeze*", u t-tieni fuq il-fatt li t-Tribunal reġa' bagħat id-deċiżjoni tiegħu lura lid-Direttur-Ġenerali (Kompetizzjoni) meta l-liġi ma kinitx tagħti dik is-setgħa (li ddaħħlet biss wara l-2011 bil-liġi l-ġdida). Minbarra l-kawżali tal-illegalità tas-sentenza, GO tgħid ukoll li, fit-teħid ta' dik is-sentenza, it-Tribunal ma ħarisx il-prinċipji ta' ħaqq naturali u b'hekk dik is-sentenza ma tiswiex. B'riferenza għad-digriet mogħti mill-Kummissjoni f'Lulju tal-2008, GO tgħid li l-Kummissjoni marret lil hinn mis-setgħat tagħha meta ordnat lil Camline tressaq l-ilment tagħha bil-miktub lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat (7) ijiem mill-għoti tal-istess digriet;

Illi dwar it-tifsira li t-Tribunal ta tal-"*margin squeeze*", GO tgħid li t-Tribunal ma żammx ma' dak li kienet torbtu biha r-regola 13 tal-iSkeda mal-Att (Kap 379) u, minflok li fisser il-kwistjoni tal-"*margin squeeze*" li qamet fuq il-każ ta' bejn il-partijiet b'ħarsien ta' x'kienet tgħid il-ġurisprudenza tal-Q.Ġ.U.E. fir-rigward, ta lil dak il-kunċett legali applikazzjoni li ma kinitx taqbel mal-istess ġurisprudenza;

Illi għal dawn l-argumenti Camline twieġeb billi tgħid li kulma qiegħda tipprova tagħmel GO b'din il-kawża hu li terġa' tiftaħ mill-ġdid dibattitu li t-Tribunal kien għalaq. Tiċħad li t-Tribunal mar lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu bil-liġi u tisħaq li, fit-tmexxija tal-każ li kellu quddiemu, it-Tribunal żamm sħiħ mal-prinċipji ta' ħaqq naturali u ta lill-partijiet opportunijiet mill-aktar wiesgħa biex iressqu l-każ tagħhom bil-provi li dehrulhom meħtieġa u kif jixhdu l-għadd ta' noti ta' sottomissjonijiet miktuba li jinsabu fl-atti. Dwar is-sentenza li t-Tribunal ta, Camline tgħid li m'hijiex bi ksur ta' xi liġi miktuba. Dwar l-ilment ta' GO dwar kif it-Tribunal qies il-kwistjoni tal-"*margin squeeze*", Camline tgħid li dan l-ilment huwa biss stedina biex din il-Qorti terġa' tqis dak li kien il-mertu deċiż mit-Tribunal. Camline tgħid li jekk din hija tassew kawża ta' stħarriġ, din il-Qorti ma tista' qatt tilqa' dan l-ilment għaliex tkun qiegħda tagħmilha bħala qorti tal-appell fuq it-Tribunal;

Illi, min-naħa tiegħu, id-Direttur-Ġenerali mħarrek jgħid li "l-eżami li sar mit-Tribunal sabiex jinstab *margin squeeze* ma jirriflettix l-analiżi ekonomika kumplessa li ssir mill-Kummissjoni Ewropea"[32]. L-istess Direttur imħarrek jiddedika n-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu fuq din il-ħaġa u jitratta l-

[32] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 704 tal-proċess

ilmenti l-oħrajn ta' GO, ħlief li jgħid hekk "effettivament sar żball meta t-Tribunal irrimetta s-sentenza lill-esponenti[33] taħt dan l-Artikolu[34], primarjament billi f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali skont l-Artikolu 12D tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, iżda rapport li ġie ppreżentat bi proċeduri li nbdew ai termini tal-Artikolu 27 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni kif kien fis-seħħ qabel l-Att VI tal-2011"[35];

Illi l-Qorti jidhrilha li l-ilment ta' GO dwar it-tifsira u t-tħaddim li sar mit-Tribunal dwar jekk kienx hemm jew le "*margin squeeze*" ma huwiex sewwasew ilment ta' stħarriġ daqskemm huwa wieħed ta' reviżjoni tad-deċiżjoni. Kif ingħad, meta qorti tintalab tistħarreġ l-għemil ta' tribunal, ma tintalabx tara jekk taqbilx mal-kontenut tad-deċiżjoni jew l-għemil li jkun jew jekk kinitx taqta' l-każ hi bl-istess mod li kieku dik il-qorti kellha s-setgħa li tagħmel dan. Għall-għanijiet ta' stħarriġ (speċjalment dwar għemil jew deċiżjoni meħuda minn korp kważi-ġudizzjarju), din il-Qorti ssib li toqgħod ħafna din is-silta li tgħid: "*There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision*"[36]. Minbarra dan, jidher li l-ilment ta' GO[37] imur fuq l-aspett tal-apprezzament tal-fatti magħmul mit-Tribunal u l-metodu li uża biex jasal għall-fehma tiegħu, liema ċirkostanzi żgur li jaqgħu 'l barra mill-parametri tal-istħarriġ ġudizzjarju li tista' tagħmel din il-Qorti (sakemm dak l-apprezzament jew dik il-metodoloġija ma jkunx jidher mad-daqqa t'għajn li huma fiergħa jew irraġonevoli għall-aħħar). Lanqas GO ma tgħid li dak ir-raġunament huwa f'xi waħda minn dawn il-kategoriji, għalkemm tgħid li ma kienx biżżejjed li t-Tribunal jiċċita biss is-sentenzi tal-qrati barranin u ma japplikax dak li jgħidu;

Illi, għalhekk, safejn l-ilment ta' GO mid-deċiżjoni tat-Tribunal tinbena fuq it-tħaddim tal-kunċett ta' "*margin squeeze*", din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan huwa mistħoqq biex iwassal għal raġuni biex titħassar is-sentenza fuq daqshekk;

Illi safejn l-ilment ta' GO jirrigwarda d-deċiżjoni li t-Tribunal jibgħat lura l-istess deċiżjoni tiegħu lid-Direttur-Ġenerali biex jieħu kull miżura, il-Qorti taħseb li jidħlu kunsiderazzjonijiet oħrajn. It-Tribunal semma espressament li kien qiegħed jagħmel hekk għall-għanijiet tal-artikolu 14(7) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni. GO tgħid li b'dan il-mod, it-Tribunal innifsu kien qiegħed iħaddem liġi li ma kinitx tgħodd għall-każ, għaliex id-dispożizzjonijiet

---

[33] Jiġifieri lilu bħala Direttur-Ġenerali
[34] Qed jirreferi għall-art. 14(7) tal-Kap 379
[35] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 705 tal-proċess
[36] Leighton McDonald, '*Rethinking unreasonableness review*' (2014) 25 Public Law Review 117, 122-4
[37] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 690 – 5 tal-proċess

tal-artikolu 14(7) (li llum ukoll ma għadhomx fis-seħħ u tneħħew mill-Kap 379) iddaħħlu fil-liġi fl-2011, filwaqt li t-Tribunal, kif ingħad aktar qabel, kellu jimxi bil-liġi kif kienet qabel ma daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2011. Il-kumment mgħoddi mill-imħarrek Direttur-Ġenerali f'dan ir-rigward u li din il-Qorti iċċitatu kelma b'kelma, jixhed ukoll li, mil-lat biss proċedurali, dak li wettaq it-Tribunal meta bagħat lura s-sentenza lid-Direttur ma kinitx ħaġa li, kif kienet il-liġi fis-seħħ, seta' jew messu għamel;

Illi, minbarra dan, il-Qorti tosserva li l-parti tas-sentenza fejn jidher li sar l-iżball hija sewwasew il-parti dispożittiva tagħha, jiġifieri l-parti eżegwibbli. Li kieku tali żball kien fil-parti tal-konsiderandi, l-effetti ma kinux ikunu daqshekk radikali. Għalhekk, mil-lat għal kollox ta' stħarriġ, dik il-parti tas-sentenza attakkata ma kinitx *rite* għalkemm setgħet kienet motivata *recte*;

Illi l-Qorti jidhrilha li, kif qalet qabel, jekk mill-istħarriġ joħroġ li xi tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju ma mexiex mal-liġi li biha jinsab marbut, hemmhekk ikun seħħ każ fejn dak il-korp ma jkunx żamm mal-limiti ta' setgħetu u ħareġ 'il barra minnhom. Din il-Qorti jidhrilha li hekk ġara f'dan il-każ. Għaldaqstant, jirriżulta li meta t-Tribunal ordna lid-Direttur biex jinvestiga, qabeż is-setgħat tiegħu, u ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew ma' liema liġi kien messu jimxi fil-każ partikolari;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-**tielet talba attriċi** hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi, minħabba f'hekk, il-**ħames talba attriċi**, li hija konsegwenzjali għat-tielet waħda, hija tajba u l-Qorti se tilqagħha billi ssib li s-sentenza tat-Tribunal ma tiswiex u se tħassarha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel żewġ talbiet attriċi** li jitkellmu dwar id-digriet interlokutorju mogħti mill-Kummissjoni fit-2 ta' Lulju, 2008[38], GO tgħid li l-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li tawtorizza lil Camline tressaq ilment lid-Direttur-Ġenerali biex jinvestiga l-ilment hu. Hawnhekk ukoll, GO tgħid li, fiż-żmien li ngħata dak id-digriet u bil-liġi li kienet tgħodd għall-każ, il-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li tagħmel provvediment bħal dak;

Illi għal dan l-ilment, Camline twieġeb[39] billi tgħid li minn imkien ma jirriżulta li GO ħaditha kontra dak il-provvediment fil-waqt xieraq jew li attakkatu minnufih wara li ngħata d-digriet. Camline tgħid li digriet bħal dak mogħti mill-Kummissjoni kien, fiż-żmien li ngħata, għal kollox permissibbli mil-liġi li taħtha l-Kummissjoni kienet topera;

[38] Ara Dok "GO 2", f'paġġ. 21 – 5 tal-proċess
[39] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 722 tal-proċess

Illi l-Qorti ma tarax li dan l-ilment ta' GO huwa mistħoqq. Is-setgħat li l-liġi fis-seħħ dak iż-żmien għall-każ kienet tagħti lill-Kummissjoni jgħoddu fihom ukoll is-setgħa li tirregola l-proċedura tagħha. Minbarra dan, sewwasew għaliex l-allegazzjonijiet li Camline kienet qiegħda tagħmel kienu jeħtieġu l-għamla ta' rapport li GO innifisha tgħid li messu sar meta l-każ kien quddiem it-Tribunal, jidher li l-Kummissjoni ntebħet x'kien jimplika l-ilment ta' Camline. Kemm hu hekk, jidher ukoll li l-għan tal-Kummissjoni wara dak il-provvediment tagħha kien "biex il-partijiet ma jiġux privati mill-benefiċċju tad-*doppio ezame* (sic)". Fil-fehma tal-Qorti, xejn f'dak il-provvediment ma kien jikkozza mas-setgħat proċedurali tal-Kummissjoni u seta' kellu l-mertu wkoll li jagħti lill-partijiet possibilità usa' biex imexxu l-każ rispettiv tagħhom dwar l-allegata "*margin squeeze*";

Illi, lil hinn minn dan, ladarba l-Qorti sabet li hemm raġunijiet għat-tħassir tas-sentenza tat-Tribunal, ma jibdel xejn jekk l-ewwel talba ta' GO tintlaqax jew le. Minbarra dan, GO ma qalitx jekk hija kinitx appellat minn dak il-provvediment jew, jekk m'għamlitx hekk, għal liema raġuni ma dehrilhiex li kellha tattakkah qabel u ħalliet lit-Tribunal jistħarreġ il-każ fil-mertu;

Illi għalhekk, l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi m'humiex se jintlaqgħu;

Illi GO tallega wkoll li t-Tribunal ma ħarisx il-prinċipji ta' ħaqq naturali. Minn qari attent tas-sottomissjonijiet tagħha, jidher li dak l-ilment tqajjem għaliex GO tqis li t-Tribunal "effettivament qaleb l-oneru tal-prova"[40]. Bla ma l-Qorti toqgħod ittawwal wisq, l-aspett tal-piż tal-prova huwa aspett proċedurali li, f'bosta kawżi, jaf jinbidel minn fuq parti għal oħra. It-Tribunal (ukoll jekk kien qiegħed jaġixxi taħt id-dispożizzjonijiet tral-Kap 379 qabel ma ddaħħlu l-bidliet fl-2011, kellu diġà s-setgħa li jirregola l-proċedura tiegħu[41]. Minbarra dan, il-kwistjoni ta' qlib fil-piż tal-prova ma jidhirx li tiffigura f'waħda mill-prinċipji magħrufa ta' ġustizzja naturali. F'kull każ, jekk waqt is-smigħ ta' każ iqumu ċirkostanzi fejn parti jaqa' fuqha d-dmir li tipprova xiħaġa li tallega, il-qlib tal-piż tal-prova ma jwassalx għall-ksur ta' xi prinċipju ta' ħaqq naturali, dment li t-tribunal jew qorti li quddiemha jkun miexi l-każ jara li lill-partijiet jagħtihom ilkoll opportunità xierqa u ndaqs biex iressqu l-provi tagħhom u jħaddem il-prinċipju tal-"*equality of arms*". Mill-atti li rat il-Qorti, ma jirriżultax li t-Tribunal tassew kiser xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali f'dan il-każ. Għalhekk, safejn l-ilment ta' GO jissejjes fuq din il-kawżali, il-Qorti ma ssibx li huwa mistħoqq;

[40] Ara paġ. 699 tal-proċess
[41] Art. 4(6)(ċ) tal-Kap 379

Illi għalhekk, ir-**raba' talba attriċi** mhix mistħoqqa u mhux se tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u ssib li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur fid-29 ta' Jannar 2014, ma tiswiex għaliex kienet imsawra fuq żball tal-liġi li joħroġ mis-sentenza innifisha;

**Tiċħad ir-raba' talba attriċi** billi ma ntweriex li s-sentenza tat-Tribunal ingħatat bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi**, għaliex konsegwenzjali fuq it-tielet talba, u għalhekk tħassar l-imsemmija sentenza u tordna s-smigħ mill-ġdid tal-każ mit-Tribunal; u

**Tordna** li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ imfissra f'din is-sentenza, kull parti terfa' l-**ispejjeż** tagħha.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**